IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 10.5.2012
COM(2012) 206 final

2012/0102 (CNS)

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-KUNSILL**

**li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud fir-rigward tat-trattament tal-vawċers**

{SWD(2012) 126 final}
{SWD(2012) 127 final}

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### Ir-raġunijiet u l-għanijiet tal-proposta

La s-Sitt Direttiva tal-VAT[1] u lanqas id-Direttiva tal-VAT[2] ma jistipulaw regoli dwar it-trattament ta' tranżazzjonijiet li jinvolvu vawċers. L-użu ta' vawċer fi tranżazzjoni taxxabbli jista' jkollu konsegwenzi fuq l-ammont taxxabbli, il-waqt tat-tranżazzjoni u anki f'ċerti ċirkostanzi, il-post tat-tassazzjoni. Inċertezza dwar trattament korrett tat-taxxa tista' madankollu tkun problematika għal tranżazzjonijiet transkonfinali u għal tranżazzjonijiet imsenslin fid-distribuzzjoni kummerċjali tal-vawċers.

In-nuqqas ta' regoli komuni obbliga lill-Istati Membri sabiex jiżviluppaw is-soluzzjonijiet proprji tagħhom, li inevitabbilment mhumiex ikkoordinati. Id-diskrepanzi fit-tassazzjoni li jirriżultaw jikkawżaw problemi bħal tassazzjoni doppja jew non-tassazzjoni iżda wkoll jikkontribwixxu għall-evitar tat-taxxa u jiffurmaw ostakli għall-innovazzjoni fin-negozju. Barra minn hekk, żieda fil-funzjonalità tal-vawċers għamlet id-distinzjoni bejn il-vawċers u strumenti tal-ħlas aktar ġeneralizzati anqas ċara.

Id-dinja nbidlet minn meta r-regoli komuni tal-VAT ġew adottati fl-1977 u l-użu akbar ta' vawċers huwa wieħed mill-ħafna bidliet li ttrasformaw il-mod kif isir in-negozju, u introduċew kumplessitajiet li ma kinux previsti dak iż-żmien.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ('il-QĠUE') ġiet mitluba bosta drabi tispjega kif id-Direttivi tal-VAT għandhom japplikaw f'dawn iċ-ċirkostanzi. Għall-vawċers, dan il-proċess ta xi gwida iżda ħalla problemi oħra mhux solvuti. L-għan ta' din il-proposta huwa li tittratta dawn il-kwistjonijiet billi tikkjarifika u tarmonizza r-regoli fil-leġiżlazzjoni tal-UE dwar it-trattament tal-VAT tal-vawċers.

### Il-kuntest ġenerali

Fit-tfassil ta' din il-proposta leġiżlattiva, l-għan huwa ċ-ċarezza. Din għandha testendi għall-konsegwenzi fiskali tat-tipi differenti ta' vawċers meta maħruġa, imqassma jew jissarrfu, jew fi Stat Membru wieħed jew f'operazzjonijiet li jestendu għal aktar minn Stat Membru wieħed.

### X'inhuwa vawċer?

Għall-finijiet tar-regoli tal-VAT, vawċer huwa strument li jagħti dritt lid-detentur għal oġġetti jew servizzi, jew li jirċievi skont jew rifużjoni fir-rigward ta' provvista ta' oġġetti jew servizzi. L-emittent jassumi obbligu li jforni oġġetti jew servizzi, li jagħti skont jew rifużjoni.

Vawċer jista' jkollu forma fiżika jew elettronika u ġeneralment ikollu objettiv kummerċjali jew promozzjonali, li jista' jkun li jippromwovi l-provvista ta' oġġetti u servizzi partikolari

[1] Id-Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE tas-17 ta' Mejju 1977 fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ – Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU L 145, 13 6 1977, p. 1) ("is-Sitt Direttiva tal-VAT").

[2] Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU 2006 L 347, p. 1) ("id-Direttiva dwar il-VAT"), li tissostitwixxi s-Sitt Direttiva tal-VAT mill-1 ta' Jannar 2007.

jew li jħaffef il-ħlas għal prodotti jew servizzi partikolari. Fi kliem ieħor, vawċer għandu l-għan li jiżviluppa s-suq għal oġġetti jew servizzi, li jrawwem lealtà fil-klijenti jew jiffaċilita l-proċess tal-ħlas. Dawn l-għanijiet jgħinu biex jiddistingwu vawċer minn strumenti bħal traveller's cheques fejn l-għan huwa biss li jsiru ħlasijiet.

Kwalunkwe strument li l-għan tiegħu huwa biss li jsiru ħlasijiet jaqa' barra d-definizzjoni ta' vawċer għall-iskopijiet tal-VAT. Għal servizzi purament ta' ħlas, japplikaw regoli oħra tal-VAT.

Jeżistu tipi differenti ta' vawċers. Xi wħud huma maħruġa bi ħlas u llum jistgħu jiġu ntaxxati jew meta jinbiegħu jew meta jissarrfu, skont l-approċċ tal-Istati Membri individwali. Vawċer jista' wkoll jinħareġ mingħajr ħlas u jintitola lit-titolari għall-provvista ta' oġġetti jew servizzi mingħajr ħlas ulterjuri. Tali provvista tista' tiġi kkunsidrata bħala rigal kummerċjali. Vawċer ta' skont li jingħata b'xejn, u li jintitola lid-detentur sabiex jirċievi skont fuq tranżazzjoni sussegwenti jista' jitqies sempliċiment bħala obbligu li jingħata tnaqqis fil-prezz.

Madankollu, dritt għal skont fuq kull xiri fuq perjodu taż-żmien, anki jekk mogħti bi ħlas, mhux ikkunsidrat hawnhekk bħala vawċer minħabba li l-intitolament huwa indipendenti mit-tranżazzjonijiet ta' xiri. In-natura miftuħa ta' tali dritt (anke jekk limitat fiż-żmien) hija pjuttost differenti minn vawċer ta' skont fejn id-dritt huwa ta' darba u marbut ma' provvista speċifika. Madanakollu, dan ma jfissirx li dan is-servizz ma jiġix intaxxat.

**X'mistoqsijiet dwar it-trattament tal-VAT kurrenti ta' vawċers jeħtieġu attenzjoni?**

Tqum mistoqsija bażika dwar meta tranżazzjonijiet marbuta ma' vawċer għandhom jiġu ntaxxati. Mingħajr regoli komuni, il-prattiki fl-Istati Membri mhumiex ikkoordinati. Xi wħud jintaxxaw l-aktar tipi komuni ta' vawċers maħruġa filwaqt li oħrajn jintaxxawhom meta jissarrfu. Dan joħloq inċertezza għan-negozji, partikolarment dawk li jixtiequ jisfruttaw l-opportunitajiet tas-suq uniku. Fejn vawċer huwa maħruġ fi Stat Membru wieħed u użat f'ieħor, il-konsegwenzi prattiċi tad-diskrepanzi fit-tassazzjoni jinkludu tassazzjoni doppja jew non-tassazzjoni.

Il-linja diviżorja bejn vawċers (fejn ir-regoli tal-VAT qed jiġu indirizzati fl-eżerċizzju attwali) u l-iżvilupp ta' sistemi tal-ħlas innovattivi (li t-trattament tal-VAT tagħhom huwa indirizzat bnadi oħra fid-Direttiva tal-VAT) jeħtieġ li tiġi ċċarata.

Il-vawċers sikwit jaslu f'idejn il-konsumaturi, permezz ta' katina ta' distributuri (b'mod partikolari, vawċers tat-telekomunikazzjonijiet imħallsa minn qabel). Hawnhekk ukoll, in-nuqqas ta' regoli komuni wassal għal approċċ mhux konsistenti, li xi drabi jinkorpora arranġamenti konċessjonali lokali, li jaġixxu bħala ostaklu għall-iżvilupp ta' mudelli tal-kummerċ intra-UE.

Il-vawċers ta' skont jistgħu jinvolvu rifużjoni minn manifattur jew distributur (li joħroġ il-vawċers ta' skont) lil bejjiegħ bl-imnut biex jikkumpensa għal tnaqqis fil-prezz mogħti lil klijent għal vawċer ta' skont. Ir-regoli eżistenti, kif interpretati mill-QĠUE, huma ineffiċjenti u diffiċli biex jiġu applikati fil-prattika. Metodu aħjar huwa tassew meħtieġ.

## 2. LIEMA TWEĠIBIET HUMA PROPOSTI?

Biex jiġu solvuti dawn il-problemi, huma previsti bidliet għad-Direttiva tal-VAT. Dawn jaqgħu taħt ħames intestaturi.

1. Definizzjoni tal-vawċers għall-iskopijiet tal-VAT

L-ewwel pass huwa li jiġi ċċarat x'inhuwa vawċer għall-iskopijiet tal-VAT. Dan jinvolvi artikolu ġdid l-Artikolu 30a. Id-Direttiva tal-VAT jeħtieġ li tkun ċara dwar liema vawċers għandhom jiġu ntaxxati meta maħruġa u liema għandhom jiġu ntaxxati biss meta jissarrfu. Tal-ewwel huma deskritti bħala 'vawċers b'użu uniku' u tal-aħħar bħala 'vawċers b'użi varji'. Din id-distinzjoni tiddependi fuq jekk hijiex disponibbli l-informazzjoni sabiex jiġu ntaxxati mal-ħruġ, jew jekk, minħabba li l-użu aħħari tagħhom huwa soġġett għal għażla, it-tassazzjoni għandhiex tistenna sa meta jissarrfu. Huwa wkoll meħtieġ li jiġi żgurat li l-istrumenti li jistgħu attwalment jintużaw bħala saldu fi ħwienet multipli mhux konnessi u li llum ġeneralment mhumiex trattati bħala vawċers ikomplu jiġu trattati bl-istess mod.

L-innovazzjoni fil-forniment ta' servizzi ta' ħlas għamlet inqas ċara d-distinzjoni bejn vawċers u sistemi ta' ħlas tradizzjonali. L-Artikolu 30a jipprovdi wkoll iċ-ċarezza meħtieġa dwar il-limiti għal vawċers għal skopijiet tal-VAT.

2. Żmien tat-tassazzjoni

Ladarba t-tipi differenti ta' vawċers jiġu identifikati, xi bidliet ulterjuri huma meħtieġa biex jiġi żgurat li t-trattament tal-VAT korrett huwa ċar.

Ir-regoli attwali dwar iż-żmien tal-ħlas tat-taxxa (fl-Artikolu 65) għandhom ikunu aġġustati sabiex jiġi żgurat li vawċers b'użu uniku (SPVs) jkunu soġġetti għall-VAT fiż-żmien meta jinħarġu u jitħallsu.

Biex tiġi evitata l-konfużjoni, il-provvista tad-dritt li huwa inerenti f'vawċer u l-forniment sottostanti ta' oġġetti jew servizzi ma jistgħux jitqiesu bħala tranżazzjonijiet separati. L-SPVs huma ntaxxati mill-bidu u għalhekk din il-problema potenzjali mhux se tkun hemm. Għal vawċers li mhumiex intaxxati meta jinħarġu minħabba li l-post u l-livell tat-tassazzjoni jkunu għadhom ma jistgħux jiġu stabbiliti, it-taxxa għandha biss tkun imposta meta l-oġġetti jew is-servizzi sottostanti jiġu fornuti. Biex jiġi żgurat li dan iseħħ, u li jseħħ dan biss, huwa propost artikolu ġdid l-Artikolu 30b. Dan jagħmilha ċara li l-ħruġ ta' vawċer u l-provvista sussegwenti tal-oġġetti jew servizzi jikkostitwixxu tranżazzjoni waħda għall-VAT.

3. Ir-regoli għad-distribuzzjoni

Ladarba d-Direttiva tal-VAT stabbiliet li vawċers b'użi multipli (MPVs) għandhom jiġu ntaxxati meta jissarrfu, iridu jiġu indirizzati xi kwistjonijiet li jirrigwardaw id-distribuzzjoni tagħhom. Qabel jaslu f'idejn konsumatur, dawn il-vawċers spiss jgħaddu minn katina ta' distributuri. Għalkemm it-tranżazzjoni sottostanti m'għandiex tiġi ntaxxata sakemm iseħħ il-forniment eventwali tal-oġġetti jew servizzi, id-distribuzzjoni kummerċjali ta' MPV hija fiha nnifisha forniment ta' servizz taxxabbli li hu indipendenti mill-forniment sottostanti. Meta dan l-MPV jibdel l-idejn f'katina tad-distribuzzjoni, l-ammont taxxabbli għas-servizz involut jista' jitkejjel permezz tal-evoluzzjoni fil-valur tal-vawċer. Fejn distributur jixtri vawċer għal X u sussegwentament ibigħu għal figura ogħla, X miżjud b'Y, l-inkrement Y iqiegħed valur fuq is-servizz ta' distribuzzjoni pprovdut.

Billi l-ktajjen tad-distribuzzjoni għall-MPVs jistgħu jestendu matul diversi Stati Membri, huma meħtieġa regoli komuni biex jiġi identifikat u mkejjel dan is-servizz ta' distribuzzjoni. Punt (d) adizzjonali għall-Artikolu 25 jagħmilha ċara li d-distribuzzjoni hija l-provvista ta' servizz għall-finijiet tad-Direttiva tal-VAT. Il-komputazzjoni tal-ammont taxxabbli għal dan is-servizz hija trattata f'artikolu ġdid Artikolu 74b.

Biex jiġi ffaċilitat il-kalkolu tal-ammont taxxabbli għal kull stadju f'katina tad-distribuzzjoni, kunċett ta' valur nominali huwa stabbilit u ddefinit fl-Artikolu 74a bħala l-kunsiderazzjoni totali li tkun dovuta lill-emittent ta' MPV li min-naħa tagħha hija l-ammont taxxabbli (biż-żieda tal-VAT) attribwibbli għall-provvista tal-oġġetti jew servizzi sottostanti.

Il-kostruzzjoni użata f'dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet tiżgura li t-totalità tal-operazzjonijiet taxxabbli assoċjati ma' MPV – il-provvista ta' servizz ta' distribuzzjoni u l-provvista ta' oġġetti jew servizzi sottostanti – huma deskritti u ntaxxati f'manjiera li hija komprensiva, newtrali u trasparenti.

4. Il-vawċers ta' skont

Jinqalgħu xi diffikultajiet bil-vawċers ta' skont meta l-iskont fl-aħħar mill-aħħar jitħallas mill-emittent aktar milli minn min isarrafhom. Sabiex tiġi evitata sensiela kumplessa ta' aġġustamenti, huwa propost li dan l-iskont jiġi trattat bħala l-provvista ta' servizz separat minn min isarrafhom għall-emittent. Il-miżuri meħtieġa għal dan huma stabbiliti f'punt ġdid (e) tal-Artikolu 25 u fl-Artikolu 74c.

5. Bidliet oħra tekniċi jew konsegwenzjali

Xi bidliet tekniċi oħra tad-Direttiva tal-VAT se jkunu meħtieġa biex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb ta' dawn is-soluzzjonijiet, partikolarment fir-rigward tad-dritt tat-tnaqqis (l-Artikolu 169), il-persuna responsabbli għall-ħlas tat-taxxa (l-Artikolu 193) u obbligi oħra (l-Artikolu 272). Bidliet tekniċi għall-Artikoli 28 u 65 huma meħtieġa biex jiġu trattati b'mod korrett l-MPVs u l-SPVs rispettivament.

## 3. SPJEGAZZJONI TEKNIKA TAL-ELEMENTI EWLENIN TAL-PROPOSTA

*Id-definizzjoni ta' vawċers u l-kriterji differenti li japplikaw inkluż iż-żmien tat-tassazzjoni (l-Artikolu 30a(1) u (2) u l-Artikolu 30b)*

Ir-regoli tal-VAT għandhom ikunu ċari u konsistenti dwar meta t-taxxa għandha titħallas. Jekk l-informazzjoni meħtieġa għal deċiżjoni korretta tat-tassazzjoni ma tkunx disponibbli meta vawċer jinħareġ oriġinarjament, il-konsegwenzi prattiċi huma li t-tassazzjoni tista' titħallas biss fil-waqt meta huwa jissarraf. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe gwida fid-Direttiva tal-VAT, ma hemm l-ebda qbil dwar liema vawċers għandhom jiġu ntaxxati fiż-żmien tal-ħruġ u liema għandhom jiġu ntaxxati meta jissarrfu. Bħala riżultat, xi Stati Membri jittrattaw tip partikolari ta' vawċer (ngħidu aħna, kreditu telefoniku mħallas minn qabel[3]) bħala ħlas fuq il-kont li għandu jiġi ntaxxat bil-quddiem filwaqt li l-Istati Membri l-oħra jittrattaw l-istess tip ta' vawċer billi jintaxxaw il-provvista eventwali[4]. Jekk il-vawċer huwa maħruġ f'tal-ewwel u msarraf f'tal-aħħar, it-tnejn li huma jżommu l-VAT fuq l-istess provvista. Dan huwa leġittimu miż-żewġ perspettivi, iżda r-riżultat ikun tassazzjoni doppja. Fis-sitwazzjoni opposta, l-ebda Stat Membru ma jżomm il-VAT u r-riżultat ikun in-non-tassazzjoni.

[3] Krediti telefoniċi mħallsa minn qabel huma l-iktar tip komuni ta' vawċer. L-istudju ekonomiku anness mal-valutazzjoni tal-impatt jikkalkula li l-valur totali tal-krediti mħallsin minn qabel tal-mowbajl għall-UE fl-2008 huwa ta' EUR 38 biljun.

[4] L-approċċi differenti għaż-żmien tat-tassazzjoni tal-vawċers huma stipulati fil-Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja din il-proposta.

It-tassazzjoni doppja li tirriżulta minn diskrepanzi tista' sservi ta' ostakolu għal arranġamenti kummerċjali li jfittxu li jieħdu vantaġġ mill-opportunitajiet tas-suq uniku, u fil-fatt tagħmel dan. Bil-maqlub, in-non-tassazzjoni mhux intenzjonata minħabba diskrepanzi tista' tiġi sfruttata għal skopijiet abbużivi.

Biex tittratta din il-problema, il-proposta tibda billi tiddefinixxi l-vawċers u l-kategoriji ewlenin ta' vawċers, u tiddistingwi b'mod partikolari bejn l-SPVs u l-MPVs.

SPV jintitola lid-detentur biex jirċievi oġġetti jew servizzi identifikati fiċ-ċirkostanzi meta l-livell ta' tassazzjoni (b'mod partikolari, ir-rata tal-VAT), l-identità tal-fornitur u l-Istat Membru li fih isseħħ il-provvista sottostanti tal-oġġetti jew servizzi, jistgħu jkunu identifikati definittivament mill-bidu. It-trattament tal-VAT jiġi stabbilit meta l-vawċer jinbiegħ. Eżempju ta' SPV huwa fejn fornitur ta' servizz ibigħ vawċers (direttament jew permezz ta' aġent) li jġorru intitolament sabiex servizz definit (pereżempju, telekomunikazzjonijiet) jiġu fornuti fi Stat Membri wieħed partikolari.

MPV jintitola lid-detentur biex jirċievi oġġetti jew servizzi meta dawn l-oġġetti jew servizzi jew l-Istat Membru fejn huma għandhom jiġu fornuti u ntaxxati mhumiex identifikati biżżejjed sabiex il-VAT tkun tista' tiġi ffissata fiż-żmien meta jinħareġ il-vawċer. Eżempju jkun fejn katina internazzjonali ta' lukandi tipprova tippromwovi l-prodotti tagħha permezz ta' vawċers li jistgħu jissarrfu f'akkomodazzjoni fl-istabbilimenti tagħha fi kwalunkwe minn diversi Stati Membri. Eżempju ieħor ikun fejn kreditu mħallas minn qabel jista' jintuża jew għal telekomunikazzjonijiet (b'rata standard ta' VAT) jew għall-ħlas ta' trasport pubbliku (fejn tista' tapplika rata mnaqqsa).

*Distinzjoni bejn vawċers u strumenti tal-ħlas (l-Artikolu 30a(2))*

Fid-dawl tat-trattamenti differenti tal-VAT, in-newtralità titlob li jkun hemm distinzjoni ċara bejn vawċers u mezzi ta' ħlas aktar ġenerali li tqis in-naturi intrinsiċi rispettivi tagħhom. Fejn metodu tal-ħlas sempliċi jakkwista xi karatteristiċi assoċjati ma' vawċers, (pereżempju, karta ta' valur maħżun jew kreditu mħallas minn qabel maħżun fuq jew marbut ma' mowbajl), ikun neċessarju li nħarsu mill-qrib lejn in-natura essenzali tal-operat tagħha. Tisrif ta' vawċer għal oġġetti jew servizzi mhuwiex pagament iżda pjuttost l-eżerċizzju ta' dritt sussegwenti għal ħlas li seħħ meta l-vawċer kien maħruġ jew bidel l-idejn. Min-naħa l-oħra, fejn kreditu maħżun jew imħallas minn qabel jiġi użat biex ikopri l-ispiża ta' oġġetti jew servizzi, kull intitolament għal tali oġġetti jew servizzi jseħħ biss meta jsir il-ħlas. Kunċettwalment, dan huwa fundamentalment differenti mill-eżerċitar ta' dritt miksub mid-detentur ta' vawċer.

Vawċers għandhom dejjem iwasslu għall-provvista ta' oġġetti jew servizzi u ta' sikwit jinħarġu biex jippromwovu l-bejgħ ta' fornitur partikolari jew grupp ta' fornituri jew biex jiffaċilitaw ix-xiri. Dawn il-karatteristiċi meta magħquda ma' intitolament biex jiġu riċevuti oġġetti jew servizzi (korrispondenti għal obbligu biex jiġu fornuti dawn l-oġġetti jew servizzi) jaqdu rwol fid-distinzjoni ta' vawċers minn strumenti tal-ħlas aktar ġenerali (li ma jkollhomx drittijiet speċifiċi bħal dawn).

It-tkabbir fl-għadd ta' apparat mobbli jsaħħaħ il-ħtieġa għal distinzjoni ċara bejn krediti tat-telekomunikazzjoni mħallsa minn qabel (li huma vawċers) u servizzi ta' ħlas bil-mobajl aktar ġeneralment li huwa probabbli li jużaw is-sistema ta' żamma minn qabel ta' dik tal-ewwel. Is-sistemi ta' ħlas bil-mobajl tipikament jippermettu lill-konsumatur biex juża mowbajl biex iħallas għal varjetà dejjem akbar ta' oġġetti u servizzi minbarra servizzi tat-telekomunikazzjonijiet (saħansitra biex jagħmel trasferimenti ta' flus). Jekk is-sistema

għandha l-għan li tiffaċilita l-ħlas għal lista b'firxa wiesgħa jew miftuħa li tista' tinkludi kontenut (fajls mużikali, logħob, mapep, dejta, eċċ) jew servizzi oħra (parkeġġ, eċċ) jew oġġetti (ngħidu aħna, minn magna awtomatika tal-bejgħ), isir diffiċli li din wieħed iqisha bħala vawċer. Id-distinzjoni bejn MPV (fejn id-detentur għandu aċċess għal servizzi tat-telekomunikazzjoni kif ukoll servizzi jew oġġetti speċifikati oħra) u servizz ta' ħlas (fejn l-għan huwa li jiġi ffaċilitat l-infiq ta' kreditu mħallas minn qabel għax-xiri ta' oġġetti jew servizzi, notevolment inkluż minn fornituri terzi) huwa jiddependi fuq l-eżistenza ta' dritt li wieħed jirċievi oġġetti jew servizzi.

Għalhekk, strumenti li jistgħu jkollhom xi wħud mill-karatteristiċi ta' vawċers iżda li r-rwol primarju tagħhom huwa bħala mezz ta' ħlas għandhom jiġu esklużi mid-definizzjoni ta' vawċer. Dan hu l-għan tal-Artikolu 30a(2).

*Vawċers imqassma f'katina (l-Artikolu 25 punt (d), l-Artikolu 74a u l-Artikolu 74b)*

Vawċers jistgħu jitqassmu f'bosta modi (pereżempju permezz ta' gazzetti, intermedjarji, ikunu mehmuża ma' prodotti f'supermarket, eċċ).

Billi l-SPVs jistgħu jiġu ntaxxati minn qabel, id-distribuzzjoni tagħhom hija relattivament sempliċi. Id-distribuzzjoni ta' MPVs permezz ta' intermedjarji f'katina tal-bejgħ, min-naħa l-oħra, tista' ma tkunx daqshekk diretta.

Jeżistu bosta mudelli iżda perspettiva waħda tħares lejn il-prezz li bih l-emittent (I) ibigħ l-MPV fil-bidu tal-katina bħala differenti mill-prezz imħallas mill-klijent fit-tmiem tal-katina minħabba l-marġini jew mark-ups tad-distributuri. Il-klijent li jixtri MPV fit-tmiem tal-katina jħallas prezz ogħla mill-konsiderazzjoni miksuba mill-emittent tal-vawċer fil-bidu tal-katina. Sakemm il-marġini (jew mark-up) ma jitqiesx kif suppost, ikun hemm diskrepanza bejn il-VAT (tal-output) tal-emittent u l-VAT (tal-input) tal-klijent, li possibilment huwa persuna taxxabbli bid-dritt għat-tnaqqis, jistenna li jsib fuq fattura.

Arranġamenti bħal dawn huma komuni fid-distribuzzjoni ta' vawċers tat-telekomunikazzjonijiet imħallsa minn qabel.

Biex jiġi solvut dan, huwa propost li jkun introdott il-kunċett tal-valur nominali, valur kostanti ffissat minn min joħroġ MPV mill-bidu, u li kull differenza pożittiva bejn dan il-valur nominali u l-prezz imħallas minn distributur ta' MPV tiġi trattata bħala l-kunsiderazzjoni għal servizz ta' distribuzzjoni. Id-distributur (D1) jipprovdi servizz tad-distribuzzjoni (intaxxat) lill-emittent (I). Id-distributuri sussegwenti (D2) jipprovdu servizz ta' distribuzzjoni simili lid-distributur preċedenti (li bigħilhom l-MPV).

Dan jista' jintwera kif ġej:




Il-Kumpanija I (fornitur ta' telekomunikazzjonijiet) tbigħ f'dan il-każ MPV lil distributur (D1) b' valur nominali ta' EUR 100. D1 iħallas lill-emittent EUR 80. Id-differenza bejn il-valur nominali u l-prezz imħallas hija ta' EUR 20. Dan l-ammont jitqies bħala l-konsiderazzjoni (inkluż il-VAT) għas-servizz ta' distribuzzjoni fornut mid-distributur lill-fornitur tat-telekomunikazzjonijiet.

D1 joħroġ fattura lil I, li turi l-ispiża tad-distribuzzjoni u servizz tal-VAT applikabbli. Jekk wieħed jassumi rata tal-VAT ta' 25%, is-servizz ta' distribuzzjoni ikun EUR 16 u l-VAT tkun ta' EUR 4.

D1 imbagħad ibigħ l-MPV lil sub-distributur, D2, għal EUR 90. Hawnhekk, D2 huwa meqjus bħala li jforni servizz ta' distribuzzjoni lil D1 u joħroġ fattura li tirrifletti d-differenza bejn il-valur nominali (EUR 100) u l-ammont imħallas (EUR 90). Dan juri EUR 8 għas-servizz flimkien ma' EUR 2 f'VAT.

D2 imbagħad ibigħ il-vawċer lill-klijent finali (C), għal EUR 100. C juża l-vawċer (kreditu mħallas minn qabel) biex jakkwista telekomunikazzjonijiet jew servizzi oħra minn I. Jekk dan huwa għall-użu tan-negozju, C (persuna taxxabbli) tirċievi fattura minn I għal EUR 100, inkluża l-VAT.

L-ebda fattura tal-VAT ma hija maħruġa fi kwalunkwe stadju f'relazzjoni mal-bejgħ tal-MPV fil-katina tad-distribuzzjoni.

F'dak li jirrigwarda lil I, il-fornitur tat-telekomunikazzjoni u l-emittent tal-MPV, il-kumpanija tkun ipprovdiet servizzi għall-valur ta' EUR 80 b'VAT tal-output ta' EUR 20 (bis-suppożizzjoni dejjem ta' rata tal-VAT kostanti ta' 25% għall-illustrazzjoni). Il-kumpanija I tkun weħlet spejjeż tad-distribuzzjoni ta' EUR 16 (flimkien mal-VAT tal-input ta' EUR 4) sabiex tqiegħed l-MPV f'idejn il-klijent finali.

*In-newtralità tal-vawċers ta' skont b'xejn (l-Artikolu 25 punt (e) u l-Artikolu 74c)*

Vawċers ta' skont b'xejn jintitolaw lid-detentur għal tnaqqis fil-prezz meta jissarrfu kontra l-provvista ta' ċerti oġġetti jew servizzi. Jekk l-emittent u min isarrafhom huma l-istess persuna, l-ammont taxxabbli ta' dawn il-provvisti jitnaqqas bl-ammont tal-iskont (bil-VAT inkluża mnaqqsa). Għalhekk il-konsumatur li jixtri prodott ta' EUR 100 jħallas biss EUR 95 jekk juża vawċer ta' skont ta' EUR 5.

Fil-prattika l-oġġetti li l-vawċers ta' skont jirrigwardaw spiss jgħaddu minn idejn bosta persuni taxxabbli (bħal bejjiegħa bl-ingrossa, distributuri u bejjiegħa bl-imnut) qabel jaslu għand il-klijent finali. L-iskont huwa spiss rimborsat mill-emittent (pereżempju l-manifattur)

lil min isarraf il-vawċer (pereżempju bejjiegħ bl-imnut). Jista' anki jiġri li l-konsumatur iħallas il-prezz normali iżda jirċievi rimbors fil-forma ta' 'flus lura' (jew 'rifużjoni') mingħand l-emittent wara. Hawnhekk, qamu diffikultajiet fl-identifikazzjoni tat-trattament korrett tat-taxxa.

Illum, fuq il-bażi ta' ġurisprudenza stabbilita mill-QĠUE[5], l-emittent oriġinali (bejjiegħ bl-ingrossa jew manifattur) jistgħu jnaqqsu r-rimbors magħmul lil min isarraf il-vawċer mill-prezz tal-bejgħ oriġinali tal-oġġetti li għalihom jirreferi l-vawċer. Biex jiġi evitat telf għat-taxxa (il-persuni taxxabbli sussegwenti fil-katina ma għandhomx għalfejn jikkoreġu l-VAT tal-input tagħhom) ir-rimbors huwa meqjus bħala ħlas minn parti terza mill-manifattur lil min isarraf il-vawċer li għandu jiġi miżjud (minbarra l-VAT inkluża) mal-ammont taxxabbli fuq il-fattura maħruġa minn min isarraf il-vawċer lill-klijent. Għalhekk fl-eżempju ta' hawn fuq, min isarraf il-vawċer joħroġ fattura ta' EUR 100 (inkluża l-VAT) lill-klijent, anke jekk il-klijent ikun ħallas biss EUR 95.

Madankollu, xorta waħda jinqalgħu problemi fejn dawn l-aġġustamenti jkun jenħtieġ li jsiru permezz ta' katina ta' distribuzzjoni (din hija kumplessa u n-negozji jiffaċċjaw inkonsistenzi fir-regoli tal-kontabilità u tad-dokumentazzjoni tal-VAT) jew fejn il-vawċer jissarraf fi Stat Membru minbarra dak li fih kien ġie maħruġ. Ma hemm l-ebda soluzzjoni faċli għall-kunflitt bejn id-dritt tat-tnaqqis tal-klijent (meta l-vawċer ikun użat minn persuna taxxabbli għal oġġetti jew servizzi li se jintużaw għall-attività ekonomika tiegħu) u t-tnaqqis tal-ammont taxxabbli għall-manifattur. Barra minn hekk, il-ġurisprudenza tonqos milli tittratta l-eżitu fejn l-emittent tal-vawċer ma jkunx is-sors tar-rifużjoni.

Modifika xierqa tas-sitwazzjoni eżistenti qiegħda għalhekk tiġi proposta. Minflok li jirrappreżenta kunsiderazzjoni ta' parti terza, ir-rimbors għandu għalhekk jitqies bħala kunsiderazzjoni (bil-VAT inkluża) għall-provvista ta' servizz ta' tisrif. Pjuttost milli jnaqqas l-ammont taxxabbli tal-ewwel bejgħ, il-manifattur (li joħroġ il-vawċer) inaqqas il-VAT tal-input fuq is-servizz tat-tisrif ipprovdut minn min isarraf.

Meta vawċer ta' skont b'xejn jiġi ppreżentat biex jissarraf kontra provvista ta' oġġetti jew servizzi, il-prezz imħallas jitnaqqas xorta skont il-valur nominali tiegħu iżda dan imbagħad jaġixxi biex inaqqas l-ammont taxxabbli tal-provvista. Dan l-ammont taxxabbli (flimkien mal-VAT) huwa l-prezz effettivament imħallas mill-klijent. Fl-eżempju ta' hawn fuq, dan ifisser li min isarraf joħroġ fattura għal EUR 95 (inkluża l-VAT). Il-klijent qatt ma jista' jnaqqas aktar VAT milli jixraq u n-newtralità hi restawrata.

Dan jista' jintwera kif ġej:

---

5 Il-Kawża C–317/94 Elida Gibbs Ltd v Il-Kummissarji tad-Dwana u s-Sisa [1996] Ġabra I–5339; Il-Kawża C–427/98 il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej v ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja [2002] Ġabra I–8315.




Il-kumpanija M, manifattur, tbigħ oġġetti lil bejjiegħ bl-ingrossa W1 għal EUR 70. W1 mbagħad ibigħhom għal EUR 80 lil W2 li mbagħad ibigħhom lil R, bejjiegħ bl-imnut, għal EUR 90 (iċ-ċifri kollha jinkludu l-VAT).

R finalment ibigħ l-oġġetti lill-klijent finali, C, għal EUR 100.

Sadanittant, biex jinkoraġġixxi l-bejgħ M jiddistribwixxi vawċer ta' skont b'xejn li jintitola għal skont ta' EUR 5 permezz tal-gazzetti u wieħed minn dawn ikun għand C meta jagħmel ix-xirja tiegħu. Dan huwa aċċettat bħala pagament parzjali minn R li mbagħad jitlob lil M għal rimbors.

Illum, dan ir-rimbors jippermetti lil M biex inaqqas l-ammont taxxabbli tal-provvista lil W1. Huwa madankollu meqjus bħala imprattikabbli li dan l-aġġustament jinġarr matul il-katina tad-distribuzzjoni u s-soluzzjoni tal-QĠUE kienet li tittratta l-EUR 5 bħala ħlas ta' parti terza. Din madankollu hija soluzzjoni imperfetta, li twassal għal telf tat-taxxa, jekk C huwa persuna taxxabbli (bi dritt li jnaqqas it-taxxa tal-input) jew jekk il-katina tal-provvista tinvolvi iktar minn Stat Membru wieħed (b'akkwiżizzjoni intra-UE b'rata ta' taxxa żero).

Biex jittratta dan, il-punt (e) propost tal-Artikolu 25 iħares lejn il-EUR 5 bħala servizz ta' tisrif li għalih R joħroġ fattura lil M (bil-EUR 5 jkunu l-ammont inklussiv mill-VAT). M ma jibqax jaġġusta l-ammont taxxabbli tal-provvista oriġinali u C, li jħallas EUR 95 fir-realtà, jirċievi fattura għal dak l-ammont (iċ-ċifri kollha jinkludu l-VAT).

### IL-KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJIET INTERESSATI

Il-kwistjoni tat-trattament tal-VAT ta' vawċers kienet diskussa f'seminars Fiscalis fl-2002 u 2006 minn rappreżentanti mill-awtoritajiet fiskali tal-Istati Membri. Dan kien segwit b'konsultazzjoni pubblika fl-2006 li r-riżultati tagħha jistgħu jinstabu fi:

http://ec.europa.eu/taxation_customs/common/consultations/tax/article_2992_en.htm.

Il-biċċa l-kbira tal-kontribuzzjonijiet ikkonkludew li l-problemi huma fil-biċċa l-kbira attribbwili għal applikazzjonijiet differenti tar-regoli tal-VAT mill-Istati Membri, li jikkawża problemi partikolari għall-operazzjonijiet intra-UE. Interpretazzjoni armonizzata tar-regoli kurrenti hija meħtieġa u, fl-opinjoni ta' dawk li wieġbu, dan probabbilment jitlob tibdiliet fil-leġiżlazzjoni primarja. Definizzjoni legali ta' vawċers għal skopijiet tal-VAT kienet ġeneralment meqjusa bħala essenzjali.

Evoluzzjoni fil-versatilità tal-vawċers tfisser li l-linja diviżorja mal-mezzi ta' ħlas konvenzjonali mhijiex dejjem ċara jew konsistenti. Bħala riżultat, in-newtralità tat-trattament bejn sistemi li għandhom l-istess funzjonalitajiet kienet meqjusa bħala li teħtieġ l-attenzjoni.

## VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Il-problemi ffaċċjati, li din l-inizjattiva qiegħda tipprova tindirizza, huma attribwibbli għal nuqqasijiet f'leġiżlazzjoni li ma żammitx il-pass mal-iżviluppi kummerċjali riċenti.

Il-proposta hija akkumpanjata minn Valutazzjoni tal-Impatt. Hija tikkonkludi li l-uniku mod realistiku biex jiġu trattati n-nuqqasijiet identifikati hija moderizzazzjoni tad-Direttiva tal-VAT billi jiddaħħlu dispożizzjonijiet ġodda li jittrattaw il-vawċers.

Ġew ikkunsidrati żewġ alternattivi: li ma jsir xejn u approċċ ta' liġi mhux vinkolanti. Tal-ewwel timplika li l-problemi ffaċċjati jitħallew għall-Istati Membri biex isolvuhom. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu soluzzjonijiet ad-hoc jew ifittxu gwida mill-QĠUE. Eżempju ta' dik tal-aħħar jista' jkun il-ħruġ ta' linji gwida. Madankollu, l-ebda waħda minn dawn l-alternattivi ma tiżgura ċ-ċertezza legali jew att legali li jimmodifika r-regoli tal-VAT eżistenti. In-nuqqasijiet identifikati, b'mod partikolari n-nuqqas ta' gwida fid-Direttiva tal-VAT li tkun tiżgura trattament konsistenti mill-Istati Membri, huma partikolarment ta' ħsara fil-qasam tat-taxxa fejn iċ-ċertezza legali hija punt partikolarment importanti.

Studju magħmul minn Deloitte huwa inkluż bħala Anness għall-Valutazzjoni tal-Impatt. Huwa jsostni l-ġustifikazzjoni ekonomika għal din il-proposta leġiżlattiva, b'mod partikolari l-konsegwenzi attwali u potenzjali ta' diskrepanzi bejn l-Istati Membri. L-istudju jikkonferma wkoll li vawċers għal servizzi tat-telekomunikazzjoni mħallsa minn qabel (pre-paid) huma bil-bosta l-aktar kategorija sinifikanti ta' vawċers u d-differenzi fit-trattament tat-taxxa tagħhom huma mifruxa. Dan jista' jwassal għal skemi tal-evitar, distorsjoni tal-kompetizzjoni jew saħansitra jagħmel l-isfruttament ekonomiku mhux attraenti minħabba l-inċertezzi tat-taxxa.

## ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

Il-proposta tikkonsisti f'diversi emendi għad-Direttiva tal-VAT immirati biex jiġu definiti b' mod ċar tipi differenti ta' vawċers u biex jiġi armonizzat it-trattament tal-VAT tagħhom. Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 113 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

### Il-prinċipju tas-sussidjarjetà

Il-bidliet proposti huma meħtieġa sabiex jiġu ċċarati u armonizzati r-regoli dwar it-trattament tal-VAT tal-vawċers. Dan l-għan ma jistax jintlaħaq b'mod adegwat mill-Istati Membri.

L-ewwelnett, ir-regoli tal-VAT rilevanti huma stabbiliti fid-Direttiva tal-VAT. Dawn ir-regoli jistgħu jiġu emendati biss permezz tal-proċess leġiżlattiv tal-UE.

It-tieni nett, azzjoni mill-Istati Membri biss ma tistax tilħaq l-għan ta' applikazzjoni uniformi tal-VAT minħabba l-possibbiltà ta' interpretazzjonijiet differenti tar-regoli. Il-leġiżlazzjoni attwali mhijiex ċara u l-applikazzjoni eteroġenja mill-Istati Membri hija r-raġuni ewlenija għall-problemi li qed jinstabu. Biex jiġi ċċarat it-trattament tal-VAT ta' oġġetti u servizzi taxxabbli fornuti kontra vawċers jeħtieġ emenda tad-Direttiva tal-VAT.

L-ambitu tal-proposta huwa limitat għal dak li jista jinkiseb biss b'leġiżlazzjoni tal-UE. Għalhekk hija tikkonforma mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

**Il-prinċipju tal-proporzjonalità**

L-emendi għad-Direttiva 2006/112/KE huma neċessarji abbażi tal-problemi identifikati u għandhom jagħtu soluzzjonijiet li huwa probabbli li jilħqu l-għanijiet. Dawn is-soluzzjonijiet se jikkontribwixxu biex tinkiseb in-newtralità tat-taxxa, jitnaqqsu l-ispejjeż tal-konformità u jiġi eliminat ir-riskju tat-tassazzjoni doppja biex l-operaturi ekonomiċi jkunu jistgħu jallokaw ir-riżorsi b'mod aktar effiċjenti. Regoli ċari li jistabbilixxu kundizzjonijiet ekwi jnaqqsu l-ambitu għall-evitar possibbli tat-taxxa u jiġġeneraw ċertezza legali kemm għall-kontribwenti kif ukoll għall-amministrazzjonijiet tat-taxxa.

Il-proposta għalhekk hija konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità.

**Simplifikazzjoni**

Il-proposta tipprovdi għas-semplifikazzjoni billi tikkategorizza u tiddefinixxi b'mod ċar tipi differenti ta' vawċers, billi tallinja t-trattament tal-VAT għal kull tip ta' vawċer u billi żżid in-newtralità għal vawċers ta' skont.

**L-Għażla tal-Istrumenti**

L-istrument propost huwa Direttiva. Mezzi oħra ma jkunux adegwati billi t-trattament tal-VAT ta' vawċers jinvolvi diversi artikoli tad-Direttiva tal-VAT. L-għanijiet ippreżentati hawn fuq jistgħu għalhekk jintlaħqu biss b'direttiva ta' emenda.

**Tabella Ta' Korrelazzjoni**

L-Istati Membri huma meħtieġa jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu d-Direttiva kif ukoll dokument wieħed jew aktar li jispjegaw ir-relazzjoni bejn il-komponenti ta' din id-Direttiva u l-partijiet korrispondenti ta' strumenti ta' traspożizzjoni nazzjonali. Ir-rekwiżit ta' dawn id-dokumenti huwa ġustifikat u proporzjonat fir-rigward ta' din id-Direttiva, billi se jgħin sabiex jiġi żgurat li dawk li jħallsu t-taxxa jistgħu jkollhom ċarezza dwar id-drittijiet u l-obbligi tagħhom fit-tranżazzjonijiet li jinvolvu vawċers, partikolarment fejn huma involuti operazzjonijiet intra-UE.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Din il-proposta m'għandha l-ebda implikazzjoni fuq il-baġit tal-Unjoni Ewropea.

## 5. SPJEGAZZJONI DETTALJATA TAL-PROPOSTA

**Artikolu 25**

**Punt (d)**

Meta MPVs jgħaddu mill-ktajjen tad-distribuzzjoni, it-trattament tal-VAT ta' kull marġini jew ħlas magħmula jew riċevuti minn distributur għandhom ikunu ċari u konsistenti. Għal dak il-għan għandu jiġi speċifikatament stipulat li din tirrappreżenta provvista ta' servizzi taxxabbli.

**Il-punt (e):**

L-għan tal-punt (e) huwa li jiġi żgurat li fejn vawċer li jagħti d-dritt għal skont jew għall-ħlas ta' rifużjoni jinħareġ b'xejn u jissarraf minn persuna taxxabbli minbarra l-emittent u li hija rimborsata mill-emittent, din l-operazzjoni għandha tiġi kkunsidrata bħala provvista ta' servizz minn min isarraf għall-emittent. Dan se jiżgura li l-ammont taxxabbli biż-żieda tal-VAT fuq il-fattura maħruġa minn min isarraf il-vawċer jikkorrispondi għall-ammont realment imħallas mill-klijent/persuna taxxabbli.

**Artikolu 28**

Dan l-Artikolu huwa emendat sabiex jiġu evitati piżijiet amministrattivi eċċessivi f'katina ta' tranżazzjonijiet li tinvolvi MPVs.

MPVs mhumiex intaxxati meta dawn jibdlu l-idejn iżda biss meta jissarrfu. Mingħajr din il-kjarifika, hemm riskju li meta l-vawċer jissarraf u r-rata tal-VAT tkun magħrufa, jista' jkun hemm ħtieġa perċepita li jsiru aġġustamenti korrispondenti għall-istadji kollha preċedenti fil-katina tad-distribuzzjoni (bir-rata applikabbli għall-oġġetti jew is-servizzi msarrfa).

Aġġustament tal-VAT tard u retrospettiv bħal dan ikun eċċessivament oneruż u jiskoraġġixxi n-negozju mingħajr ma verament jiġġenera dħul tat-taxxa ġdid (jekk wieħed jassumi li l-VAT tal-input tiġi rkuprata f'kull stadju). Biex jiġi evitat dan, il-VAT m'għandhiex tiġi applikata fuq il-provvista ta' vawċer tul il-katina iżda biss fuq it-tranżazzjoni finali meta jissarraf il-vawċer.

Din id-dispożizzjoni għandha tinqara flimkien mad-dispożizzjoni tal-Artikolu 25 fejn huwa stipulat li l-marġini għad-distribuzzjoni ta' MPV hija ntaxxata separatament bħala servizz indipendenti. Il-konsegwenzi ta' dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet huma li l-oġġetti jew servizzi sottostanti li l-MPV tintitola għalihom li huma ntaxxati fil-waqt ta' meta jissarraf il-vawċer, jiġifieri fil-post adegwat fi żmien propizju, filwaqt li l-marġini tad-distributur hija ntaxxata bħala servizz fil-waqt meta hija fornuta, jiġifieri kull darba li l-MPV jibdel l-idejn.

**Artikolu 30a**

Kif spjegat hawn fuq, dan l-Artikolu jiddefinixxi l-vawċers u jistipula limiti għall-funzjonalità tagħhom sabiex jiddistingwi l-vawċers minn mezzi ta' ħlas aktar ġenerali. Id-distinzjoni bejn SPV u MPV tinsab f'jekk hemmx biżżejjed ċertezza sabiex tinżamm it-taxxa fiż-żmien tal-ħruġ jew jekk ikunx meħtieġ li wieħed jistenna sakemm l-oġġetti jew is-servizzi jiġu pprovduti. Għal SPV, għandu jkun hemm ċertezza dwar l-identità tal-parti li tassumi l-obbligu li tissupplixxi li huwa inerenti fil-vawċer.

Il-vawċers maħruġa għajr bi ħlas jagħtu lok għal konsegwenzi tal-VAT speċifiċi li huma ttrattati separatament.

**Artikolu 30b**

Taħt it-termini ta' dan l-Artikolu, fejn vawċer ikollu dritt għal provvista ta' prodotti jew servizzi, il-provvista ta' dan id-dritt u l-provvista sussegwenti tal-oġġetti jew servizzi huma marbuta u għandhom jitqiesu bħala tranżazzjoni waħda.

Billi dan it-trattament fiskali ta' tranżazzjoni unika għandu jkun l-istess bħal dak li kien ikun japplika li kieku l-oġġetti jew servizzi ma ġewx ipprovduti permezz tal-użu ta' vawċer, il-post

tal-provvista u r-rata applikabbli għandhom ikunu determinati mill-oġġetti jew servizzi fornuti. Jirriżulta wkoll minn dan l-Artikolu li l-MPVs huma ntaxxati meta jissarrfu. L-SPVs huma ntaxxati mal-bejgħ (ara l-Artikolu 65).

Biex tiġi evitata l-konfużjoni, huwa wkoll meħtieġ li jiġi żgurat li l-użu ta' vawċer fi tranżazzjoni li taqa' taħt l-iskema speċjali għall-aġenti tal-ivvjaġġar ma tfixkilx ir-regoli ta' dik l-iskema.

**Artikolu 65**

Dan il-paragrafu miżjud mal-Artikolu jittratta l-imponibbiltà tal-SPVs. Simili għall-ħlasijiet fuq il-kont, il-VAT għandha ssir dovuta hawnhekk mal-wasla tal-ħlas u fuq l-ammont riċevut.

**Artikolu 66**

Dan l-Artikolu huwa emendat sabiex jiġi evitat li Stati Membri jidderogaw mill-Artikolu 65 għall-SPVs. Altrimenti l-imponibbiltà tal-SPVs xorta tista' tvarja bejn l-Istati Membri, li possibbilment jista' jirriżulta f'tassazzjoni doppja jew non-tassazzjoni.

**Artikolu 74a**

Dan l-Artikolu jittratta l-ammont taxxabbli għall-provvisti li jinvolvu MPV, inkluż fejn MPV jissarraf b'mod parzjali. Huwa jintroduċi wkoll il-kunċett ta' 'valur nominali' li huwa kruċjali biex tiġi stabbilita l-ordni fit-tassazzjoni, partikolarment għall-operazzjonijiet intra-UE, għaliex jiżgura li l-valur ta' MPV huwa kostanti bejn il-bidu u t-tmiem tal-katina ta' distribuzzjoni.

Il-valur nominali huwa definit (fl-Artikolu 74a(2)) bħala dak kollu riċevut jew li għandu jiġi riċevut kontra vawċer mill-emittent tal-vawċer. Dan huwa meħtieġ biex jittieħed kont tal-valur tas-servizz ta' distribuzzjoni pprovdut minn distributur (jew prinċipal jew aġent tal-kummissjoni) ta' katina tal-bejgħ ta' MPV. Il-marġini magħmula mid-distributur tiġi ttrattata bħala l-kunsiderazzjoni (inkluż l-ammont tal-VAT) għal provvista ntaxxata ta' servizz ta' distribuzzjoni (ara l-Artikolu 25).

Il-valur nominali ta' MPV huwa figura li tinkludi l-VAT. L-ammont tal-VAT inkluż se jkun magħruf biss mat-tisrif meta, fuq il-bażi tar-rata tal-VAT applikabbli għall-oġġetti u s-servizzi li jkunu msarrfa, ikun possibbli li l-valur nominali jinqasam bejn l-ammont tal-VAT u l-ammont taxxabbli.

Fil-każ fejn konsumatur ikun ħallas aktar mill-valur nominali, dan ifisser li distributur żamm marġini u l-klijent imbagħad ikollu d-dritt għal fattura separata għal dik id-differenza (li ovvjament ma tkunx riflessa fil-fattura għall-provvista). Fejn il-klijent ikun ħallas inqas mill-valur nominali, dan jista' jfisser li distributur għamel telf iżda, f'kull każ, il-kunsiderazzjoni riċevuta mill-emittent ma tinbidilx.

**Artikolu 74b**

Dan l-Artikolu jistabbilixxi l-kalkolu tal-marġini tad-distributur fil-każ ta' provvisti li jinvolvu MPV. F'dan ir-rigward l-ammont taxxabbli tas-servizz ta' distribuzzjoni pprovdut huwa figura li tibbilanċja – ikkalkulata bħala d-differenza bejn il-valur nominali tal-MPV u l-ammont attwali mħallas mill-akkwirent.

L-ammont totali tat-taxxa għas-servizzi ta' distribuzzjonii huwa kostanti, irrispettivament min-numru ta' partijiet fil-katina tal-bejgħ. Fil-każ li aktar minn distributur wieħed huwa involut l-ammont totali tat-taxxa għas-servizzi ta' distribuzzjoni huwa diviż fost id-distributuri (ara l-eżempju tad-distribuzzjoni ta' MPV).

**Artikolu 74c**

Billi vawċer b'xejn ta' skont m'għandux ikompli jiġi ttrattat bħala kunsiderazzjoni ta' parti terza għall-provvista, hija meħtieġa ċarezza fl-osservazzjoni u l-kejl tal-ammont taxxabbli tas-servizz tat-tisrif introdott mill-punt (e) tal-Artikolu 25.

**Artikolu 169**

Il-paragrafu inkluż f'dan l-artikolu, jiżgura l-konsistenza fid-dritt għal tnaqqis.

Jekk l-emittent ta' MPV jsarraf il-vawċer kontra tranżazzjonijiet intaxxati, l-Artikolu 168 jipprovdi li hu jkun jista' jnaqqas il-VAT dovuta jew imħallsa b'relazzjoni mal-ħruġ ta' dak il-vawċer. Sabiex jiġu pprovduti kundizzjonijiet ekwi, fejn MPVs huma msarrfa, fil-kors ta' tranżazzjonijiet li jagħtu lok għal tnaqqis, minn xi ħadd għajr l-emittent, għandu jiġi ċċarat li l-emittent iżomm d-dritt li jnaqqas il-VAT dovuta jew imħallsa fuq in-nefqa marbuta mal-ħruġ tal-vawċer. Dan jista' jinkludi l-ispejjeż tal-istampar jew kodifikazzjoni.

Din id-dispożizzjoni hija meħtieġa meta MPV jissarraf minn xi ħadd għajr l-emittent. Ir-rimbors konsegwenti mill-emittent lil min isarraf huwa barra minn dan l-ambitu. Fin-nuqqas ta' tali dispożizzjoni, l-emittent ma jkunux jista' jsostni d-dritt tat-tnaqqis.

**Artikolu 193**

Il-paragrafu li għandu jiġi inkluż f'dan l-Artikolu, jiċċara li huwa dejjem min isarraf l-MPV li jwettaq il-provvista taxxabbli ta' oġġetti jew servizzi u huwa għalhekk il-persuna responsabbli għall-ħlas tal-VAT. Dan huwa sinifikanti fejn l-emittent u min isarraf il-vawċer mhumiex l-istess persuna. Min isarraf biss ikun jaf x'ġie pprovdut u fejn u meta sar dak il-forniment.

**Artikolu 272**

L-għan tal-bidliet għal dan l-Artikolu huwa li jiġi żgurat li l-informazzjoni dwar il-fornimenti transkonfinali ta' servizzi, inklużi dawk relatati ma' vawċers, tiġi riċevuta mill-Istati Membri kollha fejn hija dovuta t-taxxa biex jiġi żgurat li l-VAT tkun tista' tiġi kkalkulata u miġbura tajjeb fit-territorju tagħhom. Partikolarment l-obbligi għall-persuni taxxabbli li jkunu identifikati għall-iskopijiet tal-VAT u li jimlew dikjarazzjonijiet rikapitulattivi għandhom japplikaw b'mod konsistenti fl-Istati Membri kollha.

2012/0102 (CNS)

Proposta għal

# DIRETTIVA TAL-KUNSILL

## li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud fir-rigward tat-trattament tal-vawċers

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 113 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[6],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[7],

Filwaqt li jaġixxi skont proċedura leġiżlattiva speċjali,

Billi:

(1) Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud[8] tistabbilixxi r-regoli dwar il-ħin u l-post ta' provvista ta' oġġetti u servizzi, l-ammont taxxabbli, l-imponibilità tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) u d-dritt għal tnaqqis. Madankollu, dawk ir-regoli mhumiex ċari jew kompluti biżżejjed sabiex jiżguraw il-konsistenza fit-trattament tat-taxxa ta' tranżazzjonijiet li jinvolvu vawċers sa punt li għandu konsegwenzi mhux mixtieqa għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern.

(2) Biex jiġi żgurat trattament ċert u uniformi u jiġu evitati l-inkonsistenzi, id-distorsjoni tal-kompetizzjoni, it-tassazzjoni doppja jew in-non-tassazzjoni u jitnaqqas ir-riskju tal-evitar tat-taxxa, hemm il-ħtieġa għal regoli speċifiċi li japplikaw għat-trattament tal-VAT tal-vawċers.

(3) Sabiex jiġi identifikat b'mod ċar x'inhuwa vawċer għall-finijiet tal-VAT u biex issir distinzjoni bejn il-vawċers u l-istrumenti tal-ħlas, huwa meħtieġ li l-vawċers, li jista' jkollhom forma fiżika jew elettronika, jiġu definiti, b'mod li jiġu rikonoxxuti l-attributi essenzjali tagħhom, partikolarment in-natura tad-dritt marbut ma' vawċer u l-obbligi assunti mill-emittent tal-vawċer.

---

6 ĠU C , , p. .
7 ĠU C , , p. .
8 ĠU L 347, 11 12 2006, p. 1.

(4) It-trattament tal-VAT tat-tranżazzjonijiet assoċjati mal-vawċers huwa dipendenti fuq il-karatteristiċi speċifiċi tal-vawċer. Għalhekk, huwa neċessarju li wieħed jiddistingwi bejn it-tipi differenti ta' vawċers u d-distinzjonijiet jenħtieġ li jiġu stipulati fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

(5) Dritt li wieħed jirċievi oġġetti jew servizzi jew li jirċievi skont huwa inerenti fin-natura ta' vawċer. Dan id-dritt jista' jkun assenjat minn persuna waħda għal oħra qabel ma l-vawċer eventwalment jissarraf. Biex jiġi evitat ir-riskju ta' tassazzjoni doppja, kieku s-servizz irrappreżentat minn tali dritt kellu jiġi intaxxat, ikun neċessarju li tiġi stabbilita l-assenjazzjoni ta' dan id-dritt u t-tisrif tal-oġġett jew servizzi għandu jitqies bħala tranżazzjoni waħda.

(6) Il-provvista ta' oġġetti jew servizzi tista' tinvolvi ħlas dirett jew tkun assoċjata ma' vawċer. Biex tiġi żgurata n-newtralità fit-trattament ta' dawn it-tranżazzjonijiet, it-taxxa li tinġarr mit-tranżazzjoni unika għandha tiġi ddeterminata mill-oġġetti jew servizzi fornuti bi tpattija għall-vawċer.

(7) L-iskema ta' marġini għall-aġenti tal-ivvjaġġar tipprovdi għal tassazzjoni fl-Istat Membru li fih l-aġent tal-ivvjaġġar ikun stabbilit. Biex jiġi evitat ċaqliq fil-post ta' tassazzjoni, għandu jkun speċifikat li oġġetti jew servizzi fornuti bl-użu ta' vawċers jibqgħu koperti minn din l-iskema.

(8) Il-vawċers spiss jitqassmu permezz ta' aġent jew jgħaddu minn katina tad-distribuzzjoni bbażata fuq ix-xiri u l-bejgħ sussegwenti. Sabiex tinżamm in-newtralità, huwa essenzjali li l-ammont tal-VAT li jrid jitħallas fuq l-oġġetti jew servizzi fornuti bi skambju ma' vawċer, jibqa intatt. Biex dan jiġi żgurat, il-valur ta' vawċers b'użi multipli għandu jiġi ffissat mal-ħruġ.

(9) Jekk vawċers jiġu distribwiti minn persuna taxxabbli li taġixxi f'isimha stess iżda għal persuna oħra, il-persuna taxxabbli għandha titqies li rċeviet u ssupplixxiet il-vawċers hija stess. Jekk id-distribuzzjoni tkun tinvolvi vawċers b'diversi skopijiet fejn it-tassazzjoni sseħħ biss ladarba l-vawċer jissarraf, dan jirriżulta f'aġġustamenti għall-istadji kollha tal-katina tad-distribuzzjoni, u dan jiġġenera ftit jew l-ebda dħul fiskali ġdid. Sabiex jiġu evitati piżijiet amministrattivi eċċessivi, persuna taxxabbli li tqassam vawċers bħal dawn m'għandhiex titqies bħala li rċeviet u ssupplixxiet il-vawċer innifsu.

(10) Huwa meħtieġ li jiġi ċċarat it-trattament fiskali tat-tranżazzjonijiet marbuta mad-distribuzzjoni ta' vawċers b'użi multipli. Fejn tali vawċers huma mixtrija taħt il-valur tagħhom biex jerġgħu jinbiegħu bi prezz ogħla, is-servizz ta' distribuzzjoni għandu jkun intaxxat fuq il-bażi tal-marġini magħmula mill-persuna taxxabbli.

(11) Il-vawċers jistgħu jinvolvu l-provvista transkonfinali ta' oġġetti jew servizzi. Jekk l-imponibbiltà tvarja bejn l-Istati Membri, dan jista' jwassal għal tassazzjoni doppja jew nuqqas ta' tassazzjoni. Sabiex tiġi evitata din is-sitwazzjoni, l-ebda deroga mir-regola li biha l-VAT hija imponibbli meta l-oġġetti jew is-servizzi jiġu pprovduti m'għandha tiġi permessa.

(12) Meta ħlas isir fuq il-kont qabel ma jseħħ il-forniment, madankollu hija dovuta l-VAT fuq l-ammont riċevut. Għandu jiġi ċċarat li din tkopri wkoll ħlasijiet magħmula għal vawċers li jġorru dritt għal provvista ta' prodotti jew servizzi fejn il-post u l-livell ta'

tassazzjoni tagħhom huma magħrufa (vawċers b'użu uniku). Għal vawċers oħra (vawċers b'użi multipli), il-VAT għandha tkun dovuta biss meta jissarraf il-vawċer.

(13) Xi vawċers jippermettu skontijiet fuq il-provvista ta' oġġetti jew servizzi. Minħabba li t-tnaqqis fil-prezz huwa prinċipalment użat biex jippromwovi l-prodotti u s-servizzi tal-emittent tal-vawċer, huwa xieraq li jiġi stipulat li t-tisrif tal-vawċer mill-fornitur tal-oġġetti jew servizzi jikkostitwixxi servizz fornut minnu għall-emittent.

(14) Sabiex jiġi rrispettat il-prinċipju tan-newtralità, meta tnaqqis fil-prezz ta' oġġetti u servizzi huwa mogħti bi skambju għal vawċer, l-ammont taxxabbli tas-servizz promozzjonali pprovdut minn min isarraf lill-emittent tal-vawċer għandu jikkonsisti fir-rimbors miksub minn tal-ewwel.

(15) Sakemm l-oġġetti jew servizzi fornuti mat-tisrif ta' vawċer huma ntaxxati, il-persuna taxxabbli tkun intitolata li tnaqqas il-VAT imħallsa fuq l-infiq b'rabta mal-ħruġ tal-vawċer. Għandu jiġi ċċarat li din l-ispiża tal-VAT hija deduċibbli anki jekk dawk l-oġġetti jew servizzi jiġu fornuti minn xi ħadd għajr l-emittent tal-vawċer.

(16) Diversi persuni taxxabbli jistgħu jkollhom rwol fil-ħruġ, id-distribuzzjoni u t-tisrif ta' vawċer iżda fil-każ ta' vawċers b'użi multipli min isarraf il-vawċer biss ikun jaf x'ġie fornut, meta u fejn. Biex jiġi żgurat li l-ammont tal-VAT imħallas huwa korrett, min isarraf għandu fil-każijiet kollha jkun il-persuna responsabbli għall-ħlas tal-VAT lill-awtoritajiet tat-taxxa fuq l-oġġetti jew servizzi fornuti eventwalment.

(17) Fejn id-distribuzzjoni jew it-tisrif ta' vawċer innifishom joħolqu provvista separata ta' servizzi distinti mill-oġġetti jew servizzi li huma akkwistati mill-vawċer, u dik il-provvista hi transkonfinali, huwa importanti li l-obbligi tal-VAT jiġu kompluti biex tiġi żgurata l-applikazzjoni u l-ġbir korretti tal-VAT dovuta.

(18) Peress li l-għanijiet tal-azzjoni li trid tittieħed rigward is-simplifikazzjoni, l-immoderniazzar u l-armonizzazzjoni tar-regoli dwar it-taxxa fuq il-valur miżjud ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u, għalhekk, jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif inhu previst f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-objettivi.

(19) Skont id-Dikjarazzjoni tal-Politika Konġunta tal-Istati Membri u l-Kummissjoni tat-28 ta' Settembru 2011 dwar dokumenti ta' spjegazzjoni[9], l-Istati Membri impenjaw irwieħhom li jakkumpanjaw, f'każijiet iġġustifikati, in-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom b'dokument wieħed jew aktar li jispjegaw ir-relazzjoni bejn il-komponenti ta' direttiva u l-partijiet korrispondenti tal-istrumenti tat-traspożizzjoni nazzjonali. Fir-rigward ta' din id-Direttiva, il-leġiżlatur jikkunsidra t-trażmissjoni ta' dawn id-dokumenti bħala ġustifikata.

(20) Għalhekk, id-Direttiva 2006/112/KE għandha tiġi hekk emendata,

---

[9] ĠU C 369, 17 12 2011, p. 14.

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

Id-Direttiva 2006/112/KE hija emendata kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 25, il-punti d) u e) li ġejjin huma miżjuda:

"(d) id-distribuzzjoni ta' vawċer b'użi multipli minn persuna taxxabbli, minbarra l-emittent tal-vawċer, fejn il-vawċer huwa fornut lilu bi prezz taħt il-valur nominali tal-vawċer mill-emittent jew minn persuna oħra taxxabbli li taġixxi f' isimha;

(e) it-tisrif ta' vawċer ta' skont b'xejn, fejn il-persuna taxxabbli li tforni l-oġġetti jew is-servizzi li għalihom il-vawċer jirrelata tirċievi kunsiderazzjoni mingħand l-emittent."

(2) Fl-Artikolu 28, għandu jiżdied il-paragrafu li ġej:

" Madankollu, l-ewwel paragrafu ma japplikax fejn il-persuna taxxabbli tieħu sehem fil-provvista ta' vawċer b'użi multipli."

(3) Fit-Titolu IV "Tranżazzjonijiet taxxabbli", il-Kapitolu 5 huwa inserit:

**"Kapitolu 5**

**Dispożizzjonijiet komuni għall-Kapitoli 1 u 3**

*Artikolu 30a*

1. "Vawċer" għandu jfisser strument li jġorr id-dritt li wieħed jirċievi provvista ta' oġġetti jew servizzi, jew li wieħed jirċievi skont jew rifużjoni fir-rigward tal-provvista ta' oġġetti jew servizzi u fejn hemm obbligu korrispondenti li jiġi ssodisfat dan id-dritt.

"Vawċer b'użu uniku" għandu jfisser vawċer li jġorr id-dritt li wieħed jirċievi provvista ta' oġġetti jew servizzi fejn l-identità tal-fornitur, il-post tal-provvista u r-rata tal-VAT applikabbli għal dawn l-oġġetti jew servizzi huma magħrufa fiż-żmien tal-ħruġ tal-vawċer.

"Vawċer b'użi multipli" għandu jfisser kull vawċer, għajr vawċer ta' skont jew rifużjoni, li ma jikkostitwix vawċer b'użu uniku.

"Vawċer ta' skont" għandu jfisser vawċer li jġorr id-dritt li wieħed jirċievi prezz skontat jew rifużjoni fir-rigward tal-provvista ta' oġġetti jew servizzi.

2. Servizz ta' ħlas fit-tifsira tad-Direttiva 2007/64/KE m'għandux jitqies bħala vawċer.

*L-Artikolu 30b*

Il-forniment ta' vawċer li jġorr id-dritt li wieħed jirċievi forniment ta' oġġetti jew servizzi u l-forniment sussegwenti ta' dawn l-oġġetti jew servizzi għandhom jitqiesu bħala tranżazzjoni waħda.

Din it-tranżazzjoni unika għandha tiġi trattata bl-istess mod bħal provvista ta' oġġetti jew servizzi kieku l-oġġetti jew servizzi ma kinux ġew fornuti bl-użu ta' vawċer.

Fejn vawċer iġorr dritt li wieħed jirċievi provvista ta' oġġetti jew servizzi li għalihom tapplika l-iskema ta' marġini għall-aġenti tal-ivvjaġġar, il-provvista tal-oġġetti jew servizzi għandha tiġi ttrattata għall-VAT skont ir-regoli ta' dik l-iskema."

(4) L-Artikolu 65 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 65*

Meta ħlas irid isir fuq il-kont qabel ma l-oġġetti jew is-servizzi jiġu pprovduti, inkluż ħlas għal vawċer b'użu uniku, il-VAT għandha ssir imponibbli meta jiġi riċevut il-ħlas u fuq l-ammont riċevut."

(5) Fl-Artikolu 66, it-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Madankollu, id-deroga stipulata fl-ewwel inċiż m'għandhiex tkun applikabbli meta l-ħlasijiet isiru kontra vawċer, jew fir-rigward tal-provvisti ta' servizzi li għalihom il-klijent huwa obbligat li jħallas it-taxxa skont l-Artikolu 196."

(6) L-Artikoli 74ca, 74b u 74c li ġejjin huma inseriti:

*"Artikolu 74a*

1 L-ammont taxxabbli tal-provvista ta' oġġetti jew servizzi msarrfa kontra vawċer b'użi multipli għandu jkun ugwali għall-valur nominali ta' dak il-vawċer, jew fil-każ ta' tisrif parzjali, għal dik il-parti tal-valur nominali li tikkorrispondi mat-tisrif parzjali ta' dak il-vawċer, bl-ammont tal-VAT relatat għall-oġġetti jew servizzi msarrfa mnaqqas minn dan.

2 Il-valur nominali ta' vawċer b'użi multipli għandu jinkludi dak kollu li jikkokstitwixxi kunsiderazzjoni, inkluż l-ammont tal-VAT, miksub jew li għandu jkun miksub mill-emittent tal-vawċer.

*Artikolu 74b*

Fir-rigward tal-provvista tas-servizzi ta' distribuzzjoni msemmija fil-punt (d) tal-Artikolu 25, l-ammont taxxabbli għandu jkun ugwali għad-differenza bejn il-valur nominali tal-vawċer u l-prezz li bih ikun inxtara, bl-ammont tal-VAT relatat mas-servizz tad-distribuzzjoni pprovdut imnaqqas minn dan.

*Artikolu 74c*

Fir-rigward tal-provvista tas-servizzi tat-tisrif imsemmija fil-punt (e) tal-Artikolu 25, l-ammont taxxabbli għandu jkun ugwali għat-tnaqqis fil-prezz mogħti lill-konsumatur u rimborsat mill-emittent, bl-ammont tal-VAT relatat mas-servizz tat-tisrif ipprovdut imnaqqas minn dan."

(7) Fl-Artikolu 169, jiżdied il-punt (d) li ġej:

"(d) tranżazzjonijiet relatati mal-ħlas ta' kunsiderazzjoni mill-emittent ta' vawċer lill-persuna taxxabbli li tforni l-oġġetti jew is-servizzi li għalihom il-vawċer jirrelata safejn l-oġġetti jew servizzi pprovduti jagħtu lok għal tnaqqis."

(8) Fl-Artikolu 193, għandu jiżdied il-paragrafu li ġej:

" Fejn tranżazzjoni waħda kif imsemmi fl-Artikolu 30b tikkonsisti fil-forniment ta' vawċer b'użi multipli u l-provvista sussegwenti ta' oġġetti jew servizzi, min isarraf għandu jitqies bħala li wettaq il-forniment taxxabbli."

(9) L-Artikolu 272 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (b) tal-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) persuni taxxabbli li ma jwettqu l-ebda waħda mit-tranżazzjonijiet li ġejjin:

(i) dawk imsemmija fl-Artikoli 20, 21, 22, 33, 36, 138 u 141;

(ii) dawk imsemmija fl-Artikolu 44 iżda biss fejn il-VAT hija pagabbli mill-klijent skont l-Artikolu 196;"

"(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Jekk l-Istati Membri jeżerċitaw l-għażla skont il-punti (d) jew (e) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, huma għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw l-applikazzjoni korretta tal-arranġamenti tranżizzjonali għat-tassazzjoni ta' tranżazzjonijiet intra-Komunitarji.

*Artikolu 2*

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2014, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Huma għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Jannar 2015.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn tal-aħħar għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn tali referenza meta jiġu ppubblikati uffiċjalment. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir din ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*